**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Marzu, 2018

Rikors Nru : 499/17 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 2004 gewwa il-Knisja ta' San Guzepp, Kalkara. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dok. A
Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, li twieldet fl-20 ta' Lulju 2010, illi illum ghandha sebgha (7) snin.

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni nhar il-5 ta' Dicembru 2013 fl-Atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni qed tigi annessa u mmarkata Dok. B).

Illi ai termini ta' Artikolu 3 ta' l-istess Kuntratt, iz-zewg partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

Illi ai termini ta' l-Artikolu 5.12, ir-Ragel obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' €220 bhala manteniment ghal bintu liema ammont ikopri ukoll kontribuzzjonijiet tar-Ragel ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri u r-rikorrenti tikkonferma illi dan l-ammont jithallas regolarment u sa llum, ma hemm l-ebda arretrati pendenti.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha snin mifrudin, huma illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet
2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu illi il-partijiet ilhom ghal aktar minn erbgha snin legalment separati, illi dejjem thallas il-manteniment u illi ma hemmx prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Dicembru 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.